REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/1130

tat-30 ta' Lulju 2020

li jimplimenta l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2016/44 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/44.

(2) F'konformità mal-Artikolu 21(6) tar-Regolament (UE) 2016/44, il-Kunsill irrieżamina l-lista ta' persuni u entitajiet iddeżinjati li tinsab fl-Anness III għal dak ir-Regolament.

(3) Il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi kontra l-persuni u l-entitajiet kollha fil-lista li tinsab fl-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 jenħtieġ jinżammu, u li l-informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' persuna waħda għandha tiġi aġġornata.

(4) L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

([1]) ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1.

ANNESS

Fit-taqsima A (Persuni) tal-Anness III għar-Regolament (UE) 2016/44, l-entrata 18 hija sostitwita b'dan li ġej:

"18.	GHWELL, Khalifa magħruf ukoll bħala AL GHWEIL, Khalifa AL-GHAWAIL, Khalifa GHAWIL, Khalifa Mohamed	Data tat-twelid: l-1 ta' Jannar 1956 jew l-1 ta' Jannar 1951 Post tat-twelid: Misurata, il-Libja Nazzjonalità: Libja Passaport: A005465 (il-Libja), maħruġ fit-12 ta' April 2015, skada fil-11 ta' April 2017 u J690P666 (il-Libja), maħruġ fit-12 ta' Ġunju 2016, jiskadi fil-11 ta' Ġunju 2024 Sess: raġel Indirizz: Qasr Ahmed Street, Misurata, Libya	Khalifa Ghwell kien l-hekk imsejjaħ 'Prim Ministru u Ministru għad-Difiża' tal-Kungress Nazzjonali Ġenerali ('GNC') li mhux rikonoxxut internazzjonalment (magħruf ukoll bħala l-'Gvern ta' Salvazzjoni Nazzjonali'), u bħala tali kien responsabbli għall-attivitajiet tagħhom. Fis-7 ta' Lulju 2015 Khalifa Ghwell wera l-appoġġ tiegħu għall-iSteadfastness Front (Alsomood), forza militari ġdida ta' 7 brigati biex tipprevjeni l-formazzjoni fi Tripli ta' gvern ta' unità, billi attenda ċ-ċerimonja tal-iffirmar li tinawgura l-forza mal-'President' tal-GNC Nuri Abu Sahmain. Bħala 'Prim Ministru' tal-GNC, Ghwell qeda rwol ċentrali fit-tfixkil tal-istabbiliment tal-GNA stabbilit skont il-Ftehim Politiku dwar il-Libja. Fil-15 ta' Jannar 2016, fil-kapaċità tiegħu ta' 'Prim Ministru u Ministru għad-Difiża' tal-GNC ta' Tripli, Ghwell ordna l-arrest ta' kull membru tat-Tim ta' Sigurtà il-ġdid, maħtur mill-Prim Ministru Maħtur tal-Gvern b'Kunsens Nazzjonali, li jasal fi Tripli. Fil-31 ta' Awwissu 2016 huwa ordna lill-'Prim Ministru' u lill-'Ministru għad-Difiża' tal-'Gvern ta' Salvazzjoni Nazzjonali' biex imorru lura għax-xogħol wara li l-Kamra tar-Rappreżentanti (HoR) kienet ċaħdet il-GNA.	1.4.2016".